# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 29 ta’ Awwissu 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 226/2024 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**SS**

**Vs**

**SA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta’ SS datat 3 ta’ Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-erbatax (14) ta‘ Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) gewwa Marsaskala u dan kif inhu evidenjzat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 384/2014 hawn anness u mmarkat bhala Dok SS1;*

*Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fl-erbgha u ghoxrin (24) ta‘ Frar tas-sena elfejjn u sbatax (2017) hawn anness u mmarkat bhala Dok SS2;*

*Illi minn dan iz-zwieg taghhom il-partijiet ma kellhomx tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de jure minn Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u cioe ghal dawn l-ahhar sebgha snin;*

*Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemm l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;*

*Illi m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncijazzjoni bejniethom stante illi llum ghadhom hajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar it-8 ta' Lulju 2024, l-intimat deher mhux assistit u l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara illi ma jehtiegx assistenza legali u li ma kienx qed joggezzjoni ghad-divorju (vide fol 7);

Rat illi l-attrici kif assistita nhar it-8 ta' Lulju 2024 iddikjarat illi ser thallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 13)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar l-14 ta' Marzu 2014 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 24 ta' Frar 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide xhieda fol 18 )** u kkonferma u kkorrobora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Marzu 2014, liema zwieg jgib certifikat numru 384/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni nhar il-24 ta' Frar 2017 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici li permezz taghha sostniet li kienet lesta thallas ghall-ispejjez kollha tal-kawza.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 384/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu a karigu tal-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**